1.2.1.

# REGOLI DWAR IL-PATROĊINJU TAL-PARLAMENT EWROPEW

## DEĊIŻJONI TAL-BUREAU

## TAD-9 TA' ĠUNJU 1997[1]

*Artikolu 1*
*Prinċipji ġenerali*

1. Il-patroċinju huwa mod kif il-Parlament jassoċja ruħu ma’ numru magħżul ta’ avvenimenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà sabiex iżid l-interess pubbliku fl-attivitajiet tiegħu u tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-viżibbiltà tagħhom, fost iċ-ċittadini, il-midja u s-soċjetà ċivili.

2. Il-patroċinju huwa tip ta’ appoġġ morali. L-għoti ta’ patroċinju mhu marbut mal-ebda impenn finanzjarju jew obbligu materjali.

3. Il-patroċinju jingħata b’deċiżjoni tal-President tal-Parlament għal avvenimenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regoli**.** Meta jieħu din id-deċiżjoni, il-President għandu jkollu marġni ta’ diskrezzjoni, l-aktar biex jiżgura li d-dinjità u l-immaġni tal-Parlament ikunu salvagwardjati u promossi kif xieraq. Id-deċiżjoni tal-President hija finali.

4. Talbiet għal rappreżentanza tal-President jew tal-Parlament f'kumitat ta' unur għandhom jiġu trattati b’analoġija ma’ dawn ir-regoli.

*Artikolu 2*
*Kundizzjonijiet sostantivi ta' eliġibbiltà*

1. Il-patroċinju tal-Parlament għandu jingħata biss għal avvenimenti speċifiċi u kkonfermati.

2. Avvenimenti li għalihom jintalab il-patroċinju:
   - għandu jkollhom dimensjoni Ewropea ċara, partikolarment billi jenfasizzaw ir-rwol u l-kontribut tal-Istituzzjoni jew tal-Unjoni, jew il-prijoritajiet tagħhom, fil-qasam ikkonċernat;
   - għandhom ikunu ta’ kwalità suffiċjentement għolja, u
   - għandu jkollhom riżonanza sinifikanti, jiġifieri jiġu rriklamati sew u jkollhom effetti pożittivi li jestendu ferm lil hinn mill-organizzaturi.

3. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil avvenimenti li jkun fihom waħda jew aktar mill-karatteristiċi li ġejjin:
   - iqajmu kuxjenza dwar id-demokrazija parlamentari Ewropea u jrawmu ċittadinanza Ewropea attiva;

[1] Ikkonsolidata mill-Bureau fit-3 ta' Mejju 2004 u fis-17 ta' April 2012 u emendata fil-15 ta' April 2013, fil-11 ta' Ġunju 2018 u fis-26 ta' April 2021.

- jippromwovu d-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni;
- jippromwovu l-inklużjoni soċjali;
- ikunu organizzati miż-żgħażagħ, jew immirati għalihom;
- jassiguraw diversità ekwa bejn il-ġeneri fil-panels u fost il-kelliema;
- igawdu l-appoġġ ta' Membri tal-Parlament.

4. Il-patroċinju jingħata għal avveniment individwali u esklużivament għat-tul tiegħu. F'każ ta' avvenimenti ripetittivi (pereżempju kull sena), l-organizzaturi għandhom jissottomettu talba għal patroċinju separata għal kull avveniment.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, tista' titressaq talba għal patroċinju waħda f'każ ta' sensiela ta' avvenimenti simili organizzati fl-ambitu ta' inizjattiva waħda mill-istess organizzaturi fl-istess post jew f'postijiet differenti u fl-istess ħin jew ftit żmien 'il bogħod minn xulxin. L-avvenimenti kollha jrid ikollhom l-istess format u objettivi, u t-talba għandha tinkludi l-informazzjoni ġustifikattiva msemmija fl-Artikolu 3(2) għal kull wieħed mill-avvenimenti. Kull avveniment għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dawn ir-regoli.

5. Avveniment m'għandux ikun eliġibbli għal patroċinju jekk:
- l-organizzaturi tiegħu jew l-avveniment innifsu jimminaw il-valuri demokratiċi bażiċi, il-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fit-Trattati jew fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew jimminaw id-dinjità tal-Parlament Ewropew;
- ikun ta' natura jew skop kummerċjali u jkollu l-għan li jirriklama jew jippromwovi ditti u/jew attivitajiet kummerċjali, kemm immedjati kif ukoll previsti, diretti jew indiretti, pereżempju billi jintalbu ħlasijiet eċċessivi għall-parteċipazzjoni fl-avveniment jew jintwerew prezzijiet jew logos kummerċjali;
- ikun ta' natura politika partiġġjana, inkluż ġbir ta' fondi għal skopijiet politiċi, jew jinkludi attivitajiet ta' rutina jew attivitajiet interni ta' trade unions jew partiti politiċi, jew
- ikun ta' natura reliġjuża jew ikollu skop relatat mal-prattika ta' reliġjon jew twemmin partikolari[2].

6. Jekk avveniment li jkun ingħata patroċinju mill-Parlament skont ir-regoli eżistenti ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, il-President jista', fi kwalunkwe mument, jirtira d-deċiżjoni li biha jkun ingħata l-patroċinju.

F'dan il-każ, l-organizzaturi ma jitħallewx jużaw il-logo speċifiku tal-Istituzzjoni għall-patroċinju jew kwalunkwe indikazzjoni tal-Parlament bħala patrun tal-avveniment, u jintalbu jneħħu l-logo u r-riferiment mill-materjal eżistenti.

F'każ ta' nonkonformità mad-deċiżjoni ta' rtirar, il-Parlament jista' jċaħħad lill-organizzaturi minn kwalunkwe patroċinju ieħor fil-futur.

*Artikolu 3*
*Kundizzjonijiet proċedurali ta' eliġibbiltà*

[2] Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

1. It-talbiet għal patroċinju għandhom jiġu ppreżentati lill-President preferibbilment permezz tal-formola online, b'email jew bil-posta. It-talbiet għandhom jaslu għand il-President mill-anqas xahrejn qabel il-bidu tal-avveniment.

2. It-talbiet għandu jkollhom l-informazzjoni ġustifikattiva li ġejja:
   - informazzjoni ġenerali dwar l-organizzatur[3], jiġifieri: titlu, kunjom, isem, indirizz tal-email, indirizz tal-organizzazzjoni (jekk applikabbli), kodiċi postali, raħal/belt, pajjiż tar-residenza, numru tat-telefon, sit web (jekk applikabbli);
   - informazzjoni dwar l-avveniment(i), jiġifieri: titlu, data tal-bidu, data tat-tmiem, post(ijiet), udjenza fil-mira u kopertura ġeografika tal-parteċipanti, objettiv u deskrizzjoni tal-proġett, programm dettaljat inklużi l-ismijiet tal-kelliema kkonfermati, paġna web tal-avveniment(i) (jekk applikabbli);
   - l-attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar l-avveniment u l-viżibbiltà tal-patroċinju tal-Parlament Ewropew;
   - id-dettalji ta' kull sieħeb putattiv jew ikkonfermat u/jew patrun (jekk applikabbli),
   - kull informazzjoni rilevanti oħra li tiġġustifika t-talba għal patroċinju, u
   - il-kunsens espliċitu tal-organizzatur li jirrispetta d-dispożizzjonijiet applikabbli stabbiliti fir-regoli dwar il-patroċinju.

*Artikolu 4*
*Obbligi relatati ma' avvenimenti li jkunu ngħataw patroċinju*

1. Avvenimenti li jibbenefikaw minn patroċinju għandhom jenfasizzaw sew dan il-fatt u jagħtu viżibbiltà lill-Parlament billi jużaw il-logo tal-Istituzzjoni ddisinjat speċifikament għall-patroċinju, skont il-Gwida tal-Grafika tal-Parlament, u billi jindikaw fil-komunikazzjoni tagħhom li dak l-avveniment qed isir taħt il-patroċinju tal-Parlament.

   L-obbligu tal-organizzatur li juri l-logo tal-Istituzzjoni ma jagħtihx id-dritt jużah barra l-qafas tal-avveniment li jkun ingħata l-patroċinju.

2. Avvenimenti li jibbenefikaw minn patroċinju u li jsiru matul it-12-il xahar qabel l-elezzjoni Ewropea għandhom jinkludu fil-komunikazzjoni materjal ta' referenza għall-elezzjoni Ewropea, u d-data tagħha. Għandhom jiġu inklużi elementi viżwali rilevanti skont il-linji gwida tal-grafika tal-Parlament.

---
[3] Id-data personali kollha tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98).